**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU**
**Frar 2014**

| **IS-SITT SENA** | **IL-MALTI (IL-KITBA)** | **IL-ĦIN: SIEGĦA** |
|---|---|---|

**L-Isem u l-Kunjom:** ______________________ **Il-Klassi:** _______

**Il-Marki:** 30 marka

## A. Ikteb paragrafu (10 marki)

Ikteb paragrafu dwar ktieb li qrajt dan l-aħħar. Il-paragrafu tiegħek irid ikun bejn **50 u 60 kelma**.

Agħżel bejn numru 1 u numru 2.

**1. Spjega għaliex dan il-ktieb tassew għoġbok.**

***jew***

**2. Spjega għaliex dan il-ktieb m'għoġbok xejn.**



Dawn il-mistoqsijiet qegħdin biex jgħinuk tikteb il-paragrafu.

- X'jismu l-ktieb li qrajt?
- X'tip ta' ktieb kien u xi storja kellu?
- Għaliex dan il-ktieb għoġbok ħafna JEW m'għoġbok xejn?

**Ikteb il-paragrafu tiegħek hawn taħt.**

**_____ (Ikteb 1 jew 2)**

**B. Il-kitba ta' ittra (20 marka)**

Agħżel **wieħed** minn dawn is-suġġetti għall-ittra tiegħek:

1. Ikteb ittra lill-ħabib/a tiegħek biex tinfurmah/ha dwar passatemp ġdid li bdejt dan l-aħħar. Jekk tagħżel din l-ittra, dawn l-ideat jistgħu jgħinuk tiktibha.



- *Meta bdejtu u għaliex?*
- *Fiex jikkonsisti?*
- *Għaliex jogħġbok?*
- *X'ħajrek taqbad dan il-passatemp?*

***JEW***

2. Stieden liz-ziju/a tiegħek għal festin li se tagħmel għal għeluq snin ommok. Jekk tagħżel din l-ittra, dawn l-ideat jistgħu jgħinuk tiktibha.



- *Meta u fejn se jsir?*
- *Għaliex qed torganizza dan il-festin?*
- *X'se jkun hemm?*
- *Min se jkun mistieden?*

**1. Il-pjan tal-ittra** **(4 marki)**

Ikteb **il-pjan tal-ittra** magħżula minnek.

_____ (Ikteb 1 jew 2)

**2. L-ittra li għażilt** **(16-il marka)**

Uża l-pjan tiegħek sabiex tikteb l-ittra tal-għażla tiegħek. L-ittra trid tkun bejn **140 u 200 kelma**.

_____ (Ikteb 1 jew 2)

TMIEM IL-KARTA